II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1097/2010

tas-26 ta' Novembru 2010

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 177/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas komuni għar-reġistri kummerċjali għall-finijiet tal-istatistika fir-rigward tal-iskambju ta' dejta kunfidenzjali bejn il-Kummissjoni (Eurostat) u l-banek ċentrali

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 177/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 li jistabbilixxi qafas komuni għar-reġistri kummerċjali għall-finijiet tal-istatistika u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2186/93 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 177/2008 jistabbilixxi qafas komuni ġdid għar-reġistri kummerċjali esklużivament għall-finijiet tal-istatistika sabiex jinżamm l-iżvilupp tar-reġistri kummerċjali f'qafas armonizzat.

(2) Skambju ta' dejta kunfidenzjali bejn il-Kummissjoni u l-banek nazzjonali ċentrali, u bejn il-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew, esklużivament għal finijiet tal-istatistika, għandu jgħin jiżgura l-kwalità tal-informazzjoni dwar il-grupp tal-impriżi multinazzjonali fl-Unjoni Ewropea. Għalhekk jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-format, il-miżuri ta' sigurtà u kunfidenzjalità u l-proċedura għat-trażmissjoni ta' din id-dejta kunfidenzjali lill-banek ċentrali nazzjonali u l-Bank Ċentrali Ewropew, biex jiġi żgurat li d-dejta trażmessa tintuża esklużivament għall-finijiet tal-istatistika.

(3) Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' informazzjoni statistika mill-Bank Ċentrali Ewropew [2], id-dejta li l-membri tal-ESCB irċevew mill-awtoritajiet tal-ESS għandha tintuża esklużivament għal finijiet ta' statistika. Il-membri tal-ESCB għandhom jiżguraw ukoll it-tħaris fiżiku u loġiku tal-informazzjoni kunfidenzjali statistika pprovduta mill-awtoritajiet tal-ESS. L-ECB għandu jippubblika rapporti kunfidenzjali annwali dwar il-miżuri adottati biex tiġi mħarsa l-kunfidenzjalità ta' din l-informazzjoni statistika.

(4) Biex tiġi żgurata l-konsistenza, is-settijiet ta' dejta trażmessi skont dan ir-Regolament għandhom jużaw l-istess konvenzjonijiet ta' tismija, struttura, u definizzjoni tal-oqsma kif imsemmi fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 192/2009 tal-11 ta' Marzu 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 177/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas komuni għar-reġistri kummerċjali għall-finijiet tal-istatistika, fir-rigward tal-iskambju ta' dejta kunfidenzjali bejn il-Kummissjoni (Eurostat) u l-Istati Membri [3].

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema tal-Istatistika Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-format

1. Il-format stabbilit fil-parti A tal-Anness għandu jintuża għad-dejta trażmessa skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 177/2008.

2. Id-dejta u l-metadejta għandha tiġi trażmessa skont l-istandards tas-Sistema tal-Istatistika Ewropea u bl-istruttura ddefinita fl-aktar verżjoni reċenti tal-Manwal ta' Rakkomandazzjonijiet tar-Reġistri Kummerċjali tal-Eurostat disponibbli mill-Kummissjoni (Eurostat).

[1] ĠU L 61, 5.3.2008, p. 6.
[2] ĠU L 318,27.11.1998, p. 8.
[3] ĠU L 67, 12.3.2009, p. 14.

Artikolu 2

Il-miżuri ta' kunfidenzjalità

Il-karatteristiċi speċifikati fil-parti B tal-Anness, inklużi l-indikaturi ta' kunfidenzjalità, jistgħu jiġu trażmessi, għal finijiet tal-istatistika biss, mill-Kummissjoni (Eurostat) lill-banek ċentrali nazzjonali u l-Bank Ċentrali Ewropew, kemm-il darba t-trażmissjoni tkun awtorizzata b'mod espliċitu mill-awtorità nazzjonali xierqa u li, fil-każ ta' dejta trażmessa lil bank ċentrali nazzjonali, tal-inqas unità waħda ta' grupp ta' impriżi multinazzjonali tkun tinsab fit-territorju tal-Istat Membru ta' dak il-bank ċentrali nazzjonali.

Artikolu 3

Il-miżuri ta' sigurtà

1. Kull trażmissjoni ta' dejta kunfidenzjali skont dan ir-Regolament lill-membri tal-ESCB għandha sseħħ biss wara li l-membri tal-ESCB, ġewwa l-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom, ikunu ħadu l-miżuri meħtieġa bi qbil mal-Artikolu 8a u 8b tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 biex jiżguraw:

— il-ħarsien ta' din id-dejta, b'mod partikolari l-ħażna tad-dejta li ġiet indikata bħala kunfidenzjali f'żona ta' sigurtà b'aċċess ristrett u kkontrollat;

— li d-dejta tintuża esklużivament għal finijiet ta' statitsika;

— li l-informazzjoni dwar il-miżuri ġiet inkluża fir-rapport annwali kunfidenzjali msemmi fl-Artikolu 8b tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 jew il-banek ċentrali nazzjonali jew il-Bank Ċentrali Ewropew infurmaw lill-Kummissjoni (Eurostat) u l-awtoritajiet nazzjonali xierqa bil-miżuri b'mezzi oħra.

2. Id-dejta għandha tiġi trażmessa f'forma kodifikata.

Artikolu 4

Il-proċedura ta' trażmissjoni

3. Id-dejta u l-metadejta trażmessa skont dan ir-Regolament għandha tiġi skambjata f'forma elettronika.

4. Id-dejta u l-metadejta għandha tiġi trażmessa permezz tas-sigurtà użata mill-Kummissjoni (Eurostat) għat-trażmissjoni ta' dejta kunfidenzjali, jew permezz ta' aċċess remot li jkun sikur.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Novembru 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS

A. L-istruttura u l-format għat-trażmissjoni tad-dejta

Il-settijiet ta' dejta li ġejjin li fihom informazzjoni kunfidenzjali huma inklużi fil-proċess ta' ġestjoni tal-kwalità tad-dejta tar-reġistru tal-Unjoni tal-gruppi ta' impriżi multinazzjonali u l-unitajiet kostitwenti tagħhom (minn issa 'l quddiem jissejjaħ "Reġistru Gruppi-Euro"):

— Sett ta' dejta bir-riżultat tal-proċess ta' aggregazzjoni;

— Settijiet ta' dejta b'informazzjoni dwar l-unitajiet legali;

— Settijiet ta' dejta bl-informazzjoni dwar il-kontroll u s-siedja tal-unitajiet;

— Settijiet ta' dejta b'informazzjoni dwar l-impriżi;

— Settijiet ta' dejta b'informazzjoni dwar gruppi ta' impriżi globali;

— Settijiet ta' dejta b'informazzjoni dwar gruppi ta' impriżi maqtugħa (truncated).

Sett ta' dejta bir-riżultati dwar il-gruppi ta' impriżi globali u maqtugħa jiġi ġġenerat fi tmiem kull ċiklu ta' ġestjoni tal-kwalità tad-dejta tar-Reġistru Euro-Gruppi.

Il-format applikabbli ta' dawn is-settijiet ta' dejta huwa dak stipulat fir-Regolament (KE) Nru 192/2009 għat-trażmissjonijiet bejn il-Kummissjoni (Eurostat) u l-awtoritajiet nazzjonali xierqa.

Biex tiżgura li Stat Membru jirċievi reġistri ta' dejta konsistenti, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tapplika konvenzjonijiet identiċi ta' tismija, struttura u definizzjoni tal-oqsma għas-settijiet ta' dejta trażmessi lill-awtoritajiet nazzjonali xierqa u għas-settijiet ta' dejta trażmessi lill-banek ċentrali nazzjonali u l-Bank Ċentrali Ewropew.

Biex titjieb il-kwalità tal-informazzjoni dwar il-grupp ta' impriżi multinazzjonali fl-Unjoni Ewropea, u suġġett għall-awtorizzazzjonijiet meħtieġa l-awtorità nazzjonali xierqa għandha teżaminal-korrezzjonijiet u l-kompletazzjonijiet fis-settijiet tad-dejta li tista' tirċievi mill-banek ċentrali u tintegrahom, fejn meħtieġ, fid-dejta li hija tittrażmetti lill-Kummissjoni (Eurostat) skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 177/2008.

Dejta li tkun immarkata bħala kunfidenzjali mill-banek ċentrali nazzjonali jew il-Bank Ċentrali Ewropew għandha tiġi ttrattata bħala kunfidenzjali mill-Kummissjoni (Eurostat) u l-awtoritajiet nazzjonali xierqa.

B. Trażmissjoni tal-karatteristiċi

Il-Kummissjoni (Eurostat), bl-approvazzjoni espliċita tal-awtorità nazzjonali xierqa u għal finijiet tal-istatistika biss, tista' tittrażmetti lill-banek ċentrali nazzjonali u lill-Bank Ċentrali Ewropew il-karatteristiċi li ġejjin, inklużi l-indikazzjonijiet ta' kunfidenzjalità, dwar il-gruppi ta' impriżi multinazzjonali u l-unitajiet kostitwenti tagħhom kemm-il darba, fil-każ tad-dejta trażmessa lil bank ċentrali nazzjonali, tal-inqas unità waħda mill-grupp tkun tinsab fit-territorju ta' dak l-Istat Membru.

1. UNITÀ LEGALI

Karatteristiċi ta' identifikazzjoni	1.1		Numru tal-identità
	1.2a		Isem
	1.2b		Indirizz (inkluż l-kodiċi postali) fl-iżjed livell dettaljat
	1.2c	Mhux obbligatorju	Numri tat-telefon u l-fax, indirizz elettroniku, u informazzjoni li tippermetti l-ġbir elettroniku ta' dejta
	1.3		Numru tar-reġistrazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) jew, fin-nuqqas ta' dan, numru ieħor ta' identità amministrattiva
Karatteristiċi demografiċi	1.4		Id-data ta' inkorporazzjoni għal persuni ġuridiċi jew id-data tar-rikonoxximent uffiċjali bħala operatur ekonomiku għal persuni fiżiċi
	1.5		Id-data li fiha l-unità legali ma baqgħetx tagħmel parti minn intrapriża (kif identifikat fi 3.3)

Karatteristiċi ekonomiċi ta' stratifikazzjoni	1.6		Forma legali
Rabtiet ma' reġistri oħrajn	1.7a		Referenza għar-reġistru tal-operaturi intra-Unjoni stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 638/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar l-istatistika tal-Komunità marbuta mal-kummerċ tal-prodotti bejn l-Istati Membri [1], u referenza għar-reġistri tad-dwana jew għar-reġistru tal-operaturi extra-Unjoni.
Rabta mal-grupp ta' intrapriżi	1.8		Numru ta' identità tal-grupp ta' intrapriżi maqtugħin (4.1), li lilu tappartjeni l-unità
	1.9		Data tal-assoċjazzjoni mal-grupp maqtugħ
	1.10		Data tas-separazzjoni minn mal-grupp maqtugħ
Il-kontroll tal-unitajiet	1.11a		Numru/i tal-identità tal-unità(jiet) legali residenti, kkontrollat/i mill-unità legali
	1.11b		Numru tal-identità tal-unità legali residenti li tikkontrolla l-unità legali
	1.12a		Pajjiż(i) tar-reġistrazzjoni u numru/i tal-identità jew isem(ismijiet) u indirizz(i) tal-unità(jiet) legali mhux residenti kkontrollat/i mill-unità legali
	1.12b	Kundizzjonali	Numru/i tal-VAT tal-unità(jiet) legali mhux residenti kkontrollat/i mill-unità legali
	1.13a		Pajjiż tar-reġistrazzjoni, u numru tal-identità jew isem u indirizz tal-unità legali mhux residenti li tikkontrolla l-unità legali
	1.13b	Kundizzjonali	Numru tal-VAT tal-unità legali mhux residenti li tikkontrolla l-unità legali
Siedja tal-unitajiet	1.14a	Kundizzjonali	(a) Numru/i tal-identità u (b) ishma (%) tal-unita(jiet) legali residenti li huma propjetà tal-unità legali
	1.14b	Kundizzjonali	(a) Numru/i tal-identità u (b) ishma (%) tal-unita(jiet) legali residenti li tippossiedi/jippossjedu l-unità legali

	1.15	Kundizzjonali	(a) Pajjiż(i) tar-reġistrazzjoni u (b) numru/i tal-identità jew isem(ismijiet), indirizz(i) u numru/i tal-VAT u (c) ishma (%) tal-unita(jiet) legali mhux residenti li huma propjetà tal-unità legali
	1.16	Kundizzjonali	(a) Pajjiż(i) tar-reġistrazzjoni u (b) numru/i tal-identità jew isem(ismijiet), indirizz(i), u numru/i tal-VAT u (c) ishma (%) tal-unita(jiet) legali mhux residenti li tippossjedi/jippossjedu l-unità legali

([1]) ĠU L 102, 7.4.2004, p. 1.

3. INTRAPRIŻA

Karatteristiċi ta' identifikazzjoni	3.1		Numru tal-identità
	3.2a		Isem
	3.2b	Mhux obbligatorju	Indirizzi postali, elettroniċi u tas-sit elettroniku
	3.3		Numru(i) tal-identità tal-unita(jiet) legali li minnha/hom hija magħmula l-intrapriża
Karatteristiċi demografiċi	3.4		Id-data tal-bidu tal-attivitajiet
	3.5		Id-data tat-terminazzjoni finali tal-attivitajiet
Karatteristiċi ekonomiċi/Ta' stratifikazzjoni	3.6		Kodiċi tal-attività ewlenija fil-livell tan-NACE b' 4 numri
	3.8		In-numru ta' persuni impjegati
	3.11		Settur u subsettur istituzzjonali skont is-Sistema Ewropea tal-Kontabilità
Rabta mal-grupp ta' intrapriżi	3.12		Numru tal-identità tal-grupp ta' intrapriżi maqtugħin (4.1), li lilu tappartjeni l-unità

4. GRUPP TA' INTRAPRIŻI

Karatteristiċi ta' identifikazzjoni	4.1		Numru tal-identità tal-grupp maqtugħ
	4.2a		Isem il-grupp maqtugħ
	4.2b	Mhux obbligatorju	Indirizzi postali, elettroniċi u tas-sit elettroniku tal-uffiċċju ewlieni maqtugħ

	4.3	Parzjalment kundizzjonali	Numru tal-identità tal-grupp ewlieni maqtugħ (ugwali għan-numru tal-identità tal-unità legali, li hija l-kap tal-grupp residenti). Kundizzjonali jekk l-unità li tikkontrolla hija persuna naturali li mhiex operatur ekonomiku; ir-reġistrazzjoni hija suġġetta għad-disponibilità ta' din l-informazzjoni fis-sorsi amministrattivi
	4.4		Tip ta' grupp ta' intrapriżi: 2. grupp maqtugħ ikkontrollat domestikament; 3. grupp maqtugħ ikkontrollat minn barra
Karatteristiċi demografiċi	4.5		Data tal-bidu tal-grupp ta' intrapriżi maqtugħin
	4.6		Data tat-tmiem tal-grupp ta' intrapriżi maqtugħin
Karatteristiċi ekonomiċi/Ta' stratifikazzjoni	4.7		Kodiċi tal-attività ewlenija tal-grupp maqtugħ f'livell tal-NACE b'2 numri
	4.9		Numru ta' persuni impjegati fil-grupp maqtugħ
Karatteristiċi ta' identifikazzjoni	4.11		Numru tal-identità tal-grupp globali
	4.12a		Isem il-grupp globali
	4.12b	Mhux obbligatorju	Pajjiż tar-reġistrazzjoni, indirizzi postali, e-lettroniċi u tas-sit elettroniku tal-uffiċċju ewlieni globali
	4.13a		Numru tal-identità tal-grupp ewlieni globali, jekk il-grupp ewlieni huwa residenti (ugwali għan-numru tal-identità tal-unità legali li hija l-grupp ewlieni). Jekk il-grupp ewlieni globali mhuwiex residenti, il-pajjiż tiegħu tar-reġistrazzjoni
	4.13b	Mhux obbligatorju	In-numru tal-identità tal-mexxej tal-grupp globali, jew l-isem u l-indirizz jekk mhux residenti
Karatteristiċi ekonomiċi/ Ta' stratifikazzjoni	4.14	Mhux obbligatorju	In-numru ta' persuni impjegati globalment
	4.16	Mhux obbligatorju	Pajjiż taċ-ċentru għad-deċiżjonjiet globali
	4.17	Mhux obbligatorju	Pajjiżi fejn huma lokalizzati l-intrapriżi jew l-unitajiet lokali